ĦARGA NUMRU 10 - REBBIEGĦA 2017

NEWSPAPER POST

# NISĠET ARTNA

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MIS-SEGRETARJAT TAL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



5 SERVIZZ T' EMERĠENZA GĦAL ANNIMALI MIDRUBA F'RZIEZET

9 INVESTIMENT TA' NOFS MILJUN EWRO F'VETTURI U INĠEJNI AGRIKOLI

19 GĦAJNUNIET FINANZJARJI

# IL-WERREJ



3 MESSAĠĠ
4 SKEMA TA' FROTT U ĦAXIX
5 SERVIZZI TAL-EMERĠENZA GĦAL ANNIMALI MIDRUBA
6 NAĦDMU GĦAL SOLUZZJONIJIET FL-UŻU TAL-ILMA FL-AGRIKOLTURA
7 L-IDENTIFIKAZZJONI ELETTRONIKA TAL-KLIEB
8 AKKWAKULTURA F'MALTA
9 TIPGĦIS TAL-BAJD
10 QTATES MALSIN
11 ROKNA TAT-TFAL
12 €14,000 GĦAL ANNIMALI TAT-TRIQ
13 KWAREŻIMAL
14 IL-BHEJJEM U L-KULTURA TAL-BNIEDEM
15 KAPPELLI MALTIN
16-17 IN-NAĦAL U L-GĦASEL
18 ŻJARAT GĦALL-ISKEJJEL FI ĠNIEN IL-PJANTI MALTIN
19 GĦAJNUNIET FINANZJARJI
20-21 CROSS COMPLIANCE
22 XITWA FUQ TLETT ISJUF
23 GĦERF ĠENSNA

# L-EDITORJAL

Għeżież Qarrejja,

Iż-żmien għaddej u ma jistenna lil ħadd! Ftit tal-ġranet ilu konna għadna qegħdin niċċelebraw il-festa tal-Milied, u f'daqqa waħda wasalna biex niċċelebraw festa kbira oħra: tal-Għid il-Kbir.

Nistgħu ngħidu wkoll illi ninsabu fi staġun ieħor, ir-Rebbiegħa. Minn ċkunitna tgħallimna li dan l-istaġun jagħti l-ħajja lil diversi siġar u fjuri, u l-kampanja tibda tinkesa bil-ġmiel ta' lwien differenti. F'dan iż-żmien sabiħ, wieħed jippreferi joħroġ igawdi l-kampanja ta' madwarna biex naqtgħu ftit mill-ġenn u r-rutina li jkollna fil-ħajja ta' kuljum. Importanti li nħeġġu lil xulxin biex nibżgħu għall-ambjent u dejjem innaddfu warajna. B'hekk mhux biss inkunu nistgħu ngawdu n-natura aħna, imma nħalluha hekk ukoll għal ta' warajna.

Bħal dejjem, f'din il-ħarġa ħejjejna diversi artikli interessanti, fosthom artiklu rigward tip ta' għajnuniet finanzjari, dwar il-pjanta tal-galletti, l-għajduti ta' qabilna li jkomplu jiġu analizzati, niskopru xi kappelli li għandna fil-kampanja Maltija, kif ukoll ir-rokna tar-riċetta u tat-tfal illi ma jonqsux. Ċerti li din il-ħarġa wkoll se tintlaqa' tajjeb u se sservi ta' ħolqa oħra bejnientna.

Tislijiet
**Ramona Borg**

**NISĠET ARTNA**
Pubblikazzjoni maħruġa mis-Segretarjat għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

**Taqsima Festi Rurali**
Ċentru ta' Riċerka u Żvilupp
L-Għammieri, Triq L-Ingiered
Il-Marsa, MRS 3303



Ritratt meħud minn Ian Noel Pace

© Segretarjat Parlamentari għall- Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

**Kordinatriċi**
Stephanie Bonello

**Editur**
Ramona Borg

**Kontributuri**
Arnold Sciberras
Claire Cauchi
David Bartolo
Dennis Sciberras
Jeffrey Sciberras
Malcolm Borg
Malcolm Vassallo
Maria Sammut
Marisa Debono
Martin Matthew Farrugia
Patrick Gauci
Philip Aquilina
Philip Camilleri
Sarah Borg
Stefan Cachia

**Qari tal-provi**
Christopher Bonnici

**Disinn**
MAD PROMOTIONS



# PRESIDENZA U AKTAR INVESTIMENT

**RODERICK GALDES**
IS-SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Wasal Marzu u miegħu għaddew l-ewwel tliet xhur tas-sena. Tliet xhur b'ħidma kontinwa fis-Segretarjat.

Issa li Malta tinsab fil-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, kemm il-ħidma kif ukoll ir-responsabbiltà żdiedu sew. Ninsabu f'mument fejn Malta bħala pajjiż membru fl-Unjoni Ewropea jista' jpoġġi fuq l-aġenda tal-Unjoni Ewropea dawk is-suġġetti li fil-fehma tagħna għandhom jingħataw aktar importanza.

Bħalma sejrin taraw fil-paġni ta' din ir-rivista, kelli ħafna laqgħat u impenji oħra relatati mal-Presidenza Maltija fosthom l-International Green Week fejn attendejt għal diversi laqgħat u konferenzi ma' ministri. Iżda minkejja kollox, ix-xogħol lokali ma waqafx ukoll.

Fil-fatt, wara li konna ħabbarna l-iskema Animal Welfare Fund, issa qassamna l-għotjiet lil tmien entitajiet mhux governattivi sabiex inkunu nistgħu ngħinuhom fil-ħidma tagħhom.

Investejna wkoll 530,000 ewro f'vetturi u makkinarji agrikoli ġodda għall-użu tad-Dipartimenti u d-Direttorati tas-Segretarjat sabiex dawn ikollhom l-għodda neċessarja biex ikunu jistgħu jaħdmu. L-iskop wara dan l-investiment kien illi nżommu qrib iċ-ċittadin, u ovvjament biex tkun viċin iċ-ċittadin irid ikollok l-għodda biex tkun tista' taħdem. Bis-saħħa ta' dan l-investiment ser inkunu qegħdin naġevolaw is-setturi tal-Biedja u tas-Sajd.

Rajna wkoll kif issa l-Isptar tal-Annimali qiegħed joffri l-opportunità biex isiru interventi kirurġiċi tal-katarretti. Din hija l-ewwel darba li qegħdin isiru dawn it-tip ta' interventi f'Malta. Qabel, is-sidien tal-annimali li kien ikollhom bżonn dan it-tip ta' intervent, kien ikollhom isiefru barra minn xtutna!

Fil-bidu ta' Jannar tas-sena l-ġdida, fil-Parlament, għaddejna liġi li tagħti protezzjoni lill-klieb tal-Pulizija li jkunu taw servizz lill-istat fil-ħidma tal-Korp fil-ġlieda kontra l-kriminalità wara li dawn ikunu ġew irtirati mis-servizz minħabba l-età. Dan għamilnieh sabiex inkomplu nsaħħu d-drittijiet tal-annimali f'pajjiżna.

Ta' min isemmi wkoll l-investiment li sar fil-Biċċerija Pubblika. Sal-aħħar ta' din il-leġislatura, l-ammont totali f'investiment fil-Biċċerija Pubblika se jlaħħaq il-ħames miljun ewro! Saru xogħlijiet estensivi fuq partijiet differenti fil-kumpless, u dan sar sabiex il-Biċċerija Pubblika tilħaq l-istandards neċessarji ta' iġene u prattiċi tajba.

Dawn huma ftit mill-inizjattivi tagħna bħala Segretarjat f'dawn l-aħħar tliet xhur. Issa li wasalna fl-aħħar sena tal-leġislatura nistgħu nħarsu lura u naraw il-kisbiet u l-miri li rnexxielna nilħqu. Iżda meta nħarsu lura ninduna w ukoll illi l-ħidma ma tistax tieqaf, anzi trid tkompli aktar sabiex inkunu nistgħu naraw aktar riżultati.

Roderick Galdes.

# SKEMA TA' FROTT U ĦAXIX FL-ISKEJJEL

Sa minn meta twaqqfet l-Iskema ta' Frott u Ħaxix fl-Iskejjel, f'Jannar tal-2010, l-għan ewlieni tagħha kien dejjem biex jiżdied il-konsum ta' frott u ħaxix fost it-tfal sa minn età żgħira. Dan bil-ħsieb illi tittrawwem fost it-tfal kultura ta' dieta bilanċjata u għajxien aħjar.

Permezz ta' din l-iskema t-tfal kollha jingħataw b'xejn porzjon ta' frott jew ħaxix darba fil-ġimgħa wara li l-ġenituri jew il-gwardjani tagħhom ikunu ffirmaw il-formola tal-kunsens. Il-frott u l-ħaxix illi dawn it-tfal jingħataw jinkludu bettieħ, dulliegħ, għeneb, klementini, mandolin, frawli, tuffieħ, ħass, tadam żgħir (cherry tomatoes) u ful.

Matul is-sena skolastika attwali (2016-2017) qegħdin jipparteċipaw mija u ħamsa u tletin (135) skola madwar Malta u Għawdex. Din l-iskema ma tiqafx mat-tmiem tas-sena skolastika iżda tibqa' għaddejja wkoll fil-perjodu tas-sajf, fejn il-prodotti jitqassmu anke matul il-programm edukattiv "Skolasajf".

Apparti t-tqassim ta' dawn il-prodotti agrikoli, din l-iskema tiffinanzja wkoll miżuri oħrajn illi l-għan ewlieni tagħhom hu ta' aktar edukazzjoni u għarfien dwar is-settur agrikolu, dwar ix-xogħol tal-biedja u dwar l-importanza ta' dieta bilanċjata. Dawn il-miżuri jinkludu kemm ħarġiet edukattivi, kif ukoll it-tqassim ta' prodotti promozzjonali bl-emblema uffiċjali tal-iskema, bħal pereżempju kalendarji bir-riċetti, "lunchboxes", "bookmarks", "pencil cases", rigi u flixken fost affarijiet oħra.

Mis-sena skolastika li jmiss (2017-2018) 'il-quddiem, l-Iskema tal-Frott u l-Ħaxix ser tingħaqad ma' dik tal-ħalib u se tibda tissejjaħ Skema Ġdida Għall-Iskejjel. L-għan aħħari ta' din l-iskema l-ġdida huwa li nkomplu nrawmu din il-kultura, billi ninkoraġġixxu anke l-konsum ta' prodotti tal-ħalib. Sal-lum, it-tqassim tal-ħalib kien isir taħt skema separata.

Taħt din l-iskema l-ġdida ser jitqassam ħass, tadam żgħir (cherry tomatoes), ħjar u karrotti żgħar, bettieħ, dulliegħ, klementini, mandolin, tuffieħ, frawli, għajnbaqar u banana. Flimkien ma' dan, ser jitqassmu sa massimu ta' ħames porzjonijiet fil-ġimgħa ta' ħalib, yoghurt, u ġobon. Ir-rata tal-għajnuna li ser jingħataw l-iskejjel ser tkun iktar minn dik li kienu jirċievu s'issa. Il-frott u l-ħaxix ser jibqa' jitqassam darba fil-ġimgħa, u l-ħalib mill-iskejjel, bħalma qed isir illum.

L-iskema attwali u l-iskema l-ġdida huma t-tnejn ko-finanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) b'rata ta' 75%, bil-Gvern Malti jiffinanzja l-ammont li jifdal, u ma jinvolvu ebda ħlas għall-ġenituri. Għal aktar informazzjoni wieħed jikkuntattja l-Front Office tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) fuq 22 92 61 48 (Malta) jew 22 15 69 74 (Għawdex).

*Dan l-artiklu nkiteb minn Martin Matthew Farrugia Senior Manager Agriculture & Rural Paymnets.*

## MALTA TIPPARTEĊIPA FIL-BERLIN GREEN WEEK

F'Jannar 2017 ġiet organizzata l-International Green Week f'Berlin. Din l-esebizzjoni internazzjonali hija kkunsidrata bħala waħda mill-akbar wirjiet agrikoli li jsiru fl-Ewropa għax fiha l-parteċipazzjoni ta' bosta pajjiżi minn madwar id-dinja. Malta wkoll kellha stand f'din il-fiera b'esebizzjoni ta' prodotti tipikament Maltin.

Roderick Galdes kellu diversi laqgħat u diskussjonijiet importanti bi preparazzjoni għal-laqgħat tal-Kunsill illi se jsiru waqt il-Presidenza Maltija. Is-Segretarju Parlamentari Galdes kien mistieden jagħmel diskors f'konferenza dwar is-saħħa tal-majjal u l-biosigurtà fl-Unjoni Ewropea, imtellgħa mill-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Copa-Cogeca u l-European Livestock and Meat Trading Union. Waqt din il-konferenza ġiet diskussa l-firxa tal-African Swine Fever, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, u l-prijoritajiet tal-Presidenza Maltija f'dan il-qasam.

Is-Segretarju Parlamentari pparteċipa wkoll f'dibattitu dwar il-Cork Declaration 2.0 biex jissaħħu l-komunitajiet rurali. It-tema ta' din id-diskussjoni kienet li dawk preżenti jagħmlu skambju ta' ideat sabiex



l-aspirazzjonijiet imniżżla fil-Cork Declaration isiru realtà. Roderick Galdes tkellem dwar il-futur tal-Politika Agrikola Komuni, id-diffikultajiet li jaffaċċjaw il-bdiewa Ewropej, u kif hemm bżonn illi

nissimplifikaw l-amministrazzjoni agrikola.

Huwa kellu laqgħat ukoll mal-Ministru Ungeriż Sandoz Fazekas, mal-Ministru Olandiż Martijn Van Damme, kif ukoll mal-Ministru Sloven Dejan Zidan, illi lkoll żaru l-esebizzjoni Maltija.



# RINOVAMENT ESTENSIV FIL-BIĊĊERIJA PUBBLIKA

Is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes, fl-aħħar jiem tax-xahar ta' Diċembru żar il-Biċċerija Pubblika, post illi matul dawn l-aħħar tliet snin sar rinovament estensiv fih.Il-Biċċerija Pubblika eżistenti tmur lura għall-1897.

Hija l-viżjoni tal-Gvern illi jġedded il-Biċċerija Pubblika mil-livell "medju" preżenti għal wieħed li jkun ta' eżempju ta' iġene u prattiċi tajba għall-industrija tal-laħam lokali. Dan billi jinvesti fil-faċilitajiet, tagħmir, fir-riżorsi umani u kontroll ta' kwalità.

F'konferenza stampa waqt iż-żjara tiegħu, l-Onorevoli Roderick Galdes spjega kif mill-2013 sal-lum, il-Gvern se jkun investa 3.1 miljun ewro, filwaqt li se jsir investiment ta' 1.7 miljun ewro s-sena d-dieħla.

S'issa nbidlet kompletament is-sistema ta' drenaġġ tal-biċċerija, inbnew u ġew mgħammra l-faċilitajiet għall-impjegati, filwaqt illi sar investiment biex l-ilma tax-xita jinġabar kollu u jintuża.

Dan flimkien ma' xogħol estensiv ta' tiswija u manutenzjoni tal-linji tal-qatla nfushom.

Is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes qal illi l-istess investiment, li se jkun qed jitkompla wkoll matul is-sena d-dieħla, jinkkonsisti f'makkinarju ġdid li se jkun qed jieħu post dak li ilu jintuża għal snin twal, fosthom bidla ta' waħda mil-linji tal-qatla flimkien ma' armar li jintuża għall-użin.

Is-Senior Chief Officer Emanuel Schembri spjega kif sar ukoll trattament apposta ta' partijiet oħra tal-linji, biex waqt illi tkun salvagwardjata l-integrità tagħha, tkun żgurata wkoll l-iġjene fuq l-impjant u fuq il-kwalità tal-laħam li joħroġ mill-Biċċerija. Ma' dan sar ukoll xogħol fuq iċ-chillers.

Saru wkoll xogħlijiet estensivi fuq partijiet esterni tal-Biċċerija li jinkludu tqassim aħjar tat-toroq interni, faċilità ġdida għall-ħasil ta' trakkijiet li fuqhom jinġarru l-bhejjem, flimkien ma' xogħol ta' landscaping li jsebbaħ il-madwar.

## SERVIZZ TAL-EMERĠENZA GĦAL-ANNIMALI MIDRUBA FL-IRZIEZET




Raħħala irreġistrati li jrabbu bhejjem fuq l-irziezet tagħhom jistgħu jibbenefikaw minn servizz ta' emerġenza offrut mill-Biċċerija Pubblika f'każ li bhima tkun marida jew imweġġa' u jeħtieġ tinqatel biex ma tkomplix issofri bla bżonn.

Is-servizz huwa offrut lil raħħala li jrabbu annimali ssoltu maqtula fil-biċċerija, jiġifieri bovini, majjal, ngħaġ, u mogħoż, sakemm, l-annimali inkwestjoni huma fuq ir-razzett u qed jitkabbru għall-konsum uman.

Is-servizz jingħata fuq bażi ta' 24 siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa. Huwa konformi mal-leġiżlazzjoni Ewropea u nazzjonali u l-miri tal-benessri tal-annimali tal-Gvern, sabiex jitnaqqas ir-riskju li annimali morda jew midruba, u li veterinarju jistabbilixxi li mhumiex mistennija li jirkupraw, isofru bla bżonn. Anki f'dawn il-każi, il-qatla tal-annimal inkwestjoni issir b'mod li jkun żgurat it-trattament xieraq tal-annimal inkwestjoni. Dan jiġi stordut, u jinqatel waqt li ma jkunx konxju.

Fil-każ ta emerġenza, ir-raħħala iċemplu lill-biċċerija. Is-sejħiet kollha jiġu skrinjati l-Emergency Response Team magħmul minn veterinarju uffiċjali u żewġ biċċiera on call jmorru fuq ir-razzett indikat. Fuq il-post, il-veterinarju jwettaq spezzjoni ante-mortem biex jiddeterminaw prima facie, l-idoneità potenzjal tal-bhima għall-konsum uman. Karkassi mhux meqjusa daqshekk adattat huma storditi, maqtula u l-karkassa tintbagħat il-faċilità tat-trattament termali tal-iskart fejn tittieħed mir-raħħa;l stess. Karkassi kkunsidrati li jistgħu jkunu tajbin għall-konsum mill-bniedem huma storduti u maqtula fil-post skond standards stretti tal-benessri tal-annimali u l-iġjene. Wara li jitneħħa l-ġewwieni, il-karkassi jittieħdu l-biċċerija fi trakk apposta, mgħammar bi friża li żżomm it-temperatura tal-laħam fuq livell adegwat. Hemm, issir spezzjoni post-mortem u testijiet oħra tal-laboratorju biex ikun żgurat li l-laħam huwa tassew tajjeb għall-konsum uman.

F'kas ta' emerġenza wieħed jista' jċempel fuq 22925900.

*Dan l-artiklu nkiteb minn Stefan Cachia*



## KOLLABORAZZJONI BEJN ENTITAJIET LOKALI U INTERNAZZJONALI

http://www.fowarim.eu

FowariM

# NAĦDMU GĦAL SOLUZZJONIJIET FL-UŻU TAL-ILMA FL-AGRIKOLTURA:

FOWARIM (Fostering Water-Agriculture Research & Innovation in Malta) huwa proġett iffinanzjat taħt il-programm Horizon 2020 tal-Unjoni Ewropea u għandu l-iskop illi jtejjeb il-kapaċitajiet tar-riċerka fl-użu tal-ilma fl-agrikoltura. L-MCAST, li qed tikkordina dan il-proġett, qed taħdem mad-Direttorat tal-Agrikoltura bħala sieħeb uffiċjali f'dan il-proġett sabiex jintbagħtu numru ta' letturi u uffiċjali fi ħdan id-Direttorat għal korsijiet speċjalizzati fl-użu għaqli u effiċjenti tal-ilma fis-settur agrikolu. Dawn il-korsijiet qegħdin jiġu organizzati mill-imsieħba barranin f'dan il-proġett. Dawn huma l-Istitut Agronomiku tal-Mediterran ta' Bari (CIHEAM), l-Universita` Ingliża ta' Cranfield u l-Universita` Politeknika ta' Katalunja fi Spanja.

Europe for Business u ID Consulting huma żewġ imsieħba oħra li qegħdin jikkontribwixxu fl-oqsma tal-immaniġjar u l-komunikazzjoni f'dan il-proġett.

It-temi li qegħdin jiġu żviluppati u li fihom qegħdin jinkisbu kompetenzi fi ħdan l-imsieħba lokali ta' dan il-proġett huma t-tnaqqis tal-użu tal-ilma fl-għelieqi Maltin, l-użu tal-ilma minn sorsi alternattivi, id-desalinizzazzjoni u l-użu tal-ilma mielaħ fl-agrikoltura, u t-tnaqqis tat-tniġġis ta' ilma wżat fil-biedja. Dawn huma temi ta' importanza kbira għas-settur agrikolu Malti minħabba l-isfidi reali tan-nuqqas ta' ilma li jaffettwa mhux ftit lill-bdiewa lokali.

Fi ħdan il-proġett qed jitlaqqa' wkoll kumitat ta' riċerka b'rappreżentanti tal-MCAST, tad-Direttorat tal-Agrikoltura, kif ukoll tad-Direttorat għad-Diversifikazzjoni u Kompetittivita`. Dan il-Kumitat jiddiskuti temi ta' riċerka f'dan is-settur mibnija fuq l-eżitu tal-korsijiet imsemmija aktar 'il fuq f'dan l-artiklu u fuq suġġerimenti u linji gwida minn esperti Ewropej. Il-konklużjonijiet minn dan il-kumitat jiġu diskussi ma' studenti tal-MCAST li jkunu interessati jirriċerkaw xi aspett relatat mal-użu tal-ilma fil-biedja Maltija. Bl-isforzi ta' dawn l-istudenti, ta' letturi u tan-nies fi ħdan id-Direttorati rappreżentati f'dan il-kumitat qed tiġi ppjanata riċerka li għandha l-iskop li tikseb riżultati utli sabiex jiġi mmaniġjat l-ilma mill-bdiewa tagħna b'mod aktar effiċjenti u effettiv.

Dan il-proġett qed iservi wkoll sabiex jinbnew relazzjonijiet ma' Universitajiet u entitatjiet oħra ta' riċerka bi speċjalizzazzjoni f'dan il-qasam. L-iskop huwa dejjem li jingħata servizz lis-settur u lill-bdiewa Maltin illi kulma jmur qegħdin dejjem jaffaċċjaw diffikultajiet biex jimmaniġjaw l-ilma tagħhom bl-aħjar mod possibbli.

*Dan l-artiklu nkiteb minn Malcolm Borg miċ-Ċentru tal-Agrikoltura,Akkwatika u Xjenzi tal-Annimali.*

# L-IDENTIFIKAZZJONI ELETTRONIKA TAL-KLIEB

## X'INHI L-MICROCHIP?

Il-Microchip hija ċippa żgħira, madwar il-qies ta' ħabba tar-ross illi ttella' numru uniku meta tkun skenjata minn għodda apposta.

Il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima qed jinforza r-regolament illi kull kelb f'pajjiżna jkollu ċ-ċippa. L-injezzjoni tingħata bejn l-ispalel (intrascapulae). In-numru uniku taċ-ċippa jiġi abbinat mad-dettalji tas-sid f'database nazzjonali (National Livestock Database).

Permezz ta' din iċ-ċippa, sid il-kelb jista' jiġi identifikat b'mod faċli permezz ta' apparat apposta li jaqra l-informazzjoni ta' ġewwa ċ-ċippa. Għalhekk, f'każijiet fejn kelb jintilef, jitħalla abbandunat, ikun involut f'xi inċident, u f'kull każ ieħor, l-informazzjoni kollha marbuta mal-kelb u s-sid tkun aċċessibbli.

## MULTI?

Sfortunatament, mhux kulħadd jagħmel dmiru, u għalhekk, persuna li ma taqdix dmirha tista' teħel multa ta' 300 ewro f'każ:

LI TINSTAB LI JKOLLHA KELB MHUX REĠISTRAT U MHUX MICROCHIPPED;

TAGĦTI INFORMAZZJONI SKORRETTA, INKOMPLETA JEW FALZA FIL-FORMOLA TA' REĠISTRAZZJONI.

Jekk iċ-ċippa ta' kelb irreġistrat ma tinstabx, il-persuna li jkollha l-kelb fil-pussess tagħha tista' teħel multa ta' 500 ewro.

## IL-MICROCHIP FIHA RISKJI?

Hawn Malta l-microchips f'annimali tal-irziezet, bħall-majjali, bdew jintużaw aktar minn għoxrin sena ilu. Il-microchipping isir ukoll f'annimali oħra, bħall-qtates u l-klieb, li jkollhom il-pet passport jew ġew irreġistrati mal-PET NET. Qatt ma kien hemm xi ħsara fl-annimal meta dan ġie microchipped. Il-microchip, kif spjegat, hija oġġett żgħir ħafna u l-materjal użat ma jaffettwax lill-annimali, u lanqas jittrażmetti r-raġġi. Għalhekk il-microchip fil-klieb ma toħloq l-ebda riskju fuq l-annimal.



### XI MISTOQSIJIET KOMUNI LI NILTAQGĦU MAGĦHOM:

### X'SE NAGĦMEL F'KAŻ ILLI NSIB KELB JIĠRI BARRA U NIXTIEQ ILLI NŻOMMU?

Jekk wara sebat'ijiem sid il-kelb ma jistabx u l-persuna li sabet il-kelb tkun tixtieq iżżommu, għandha tara li tirreġistra l-kelb f'isimha.

### KULL SID TA' KELB GĦANDU JARA LI:

- ikollu l-kelb iċċippjat u rreġistrat;
- f'każ illi kelb ikun trasferit minn sid għal ieħor, għandu jiġi avżat id-Direttorat fi żmien sebat'ijiem, u tinħareġ liċenzja oħra mingħajr ħlas fuq is-sid il-ġdid;
- klieb illi jiddaħħlu Malta għandhom jiġu rreġistrati mad-Dipartiment fi żmien 90 jum mill-wasla tagħhom
- persuna ta' 'l fuq minn tmintax-il sena biss tista' tkun irreġistrata bħala sid ta' kelb.



### X'GĦANDI NAGĦMEL META JINTILEF XI KELB?

L-ewwel ħaġa li s-sid għandu jagħmel huwa li javża lid-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja fuq in-numru 2292 5301 fi żmien 48 siegħa. Dan l-avviż jiġi mgħoddi lill-veterinarji reġistrati u lill-NGOs mill-iktar fis.

### JEKK INSIB KELB FIT-TRIQ, X'GĦANDI NAGĦMEL?

Fil-każ illi l-kelb ikun imweġġa' jew qed isofri tbatija fiżika, tista' ċċempel għall-ambulanza tal-annimali fuq in-numru 1717 jew tieħu l-kelb fl-eqreb għassa tal-Pulizija.

*Dan l-artiklu nkiteb minn Dennis Sciberras koordinatur fi ħdan id-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali.*

# L-AKKWAKULTURA F'MALTA

L-Akkwakultura huwa l-proċess illi fih, speċi akkwatiċi jiġu mrobbija għall-konsum uman. F'Malta, l-industrija tal-akkwakultura bdiet madwar l-1990. Bħalissa hawn sitt irziezet operattivi mqassma f'disa' siti madwar il-Gżejjer Maltin.

Erba' minn dawn l-irziezet irabbu t-tonn (Thunnus thynnus) li jiġi maqbud mis-selvaġġ u mitmugħ fil-gaġeġ biex jissemmen u jilħaq il-livell ta' kwalità rikjesta mis-swieq barranin fejn il-maġġoranza tiegħu jiġi esportat lejn il-Ġappun.

Wieħed mill-irziezet jipproduċi speċi bħall-ispnott (Dicentrarchus labrax) u l-awrat (Sparus aurata) (stampa 4). Dawn l-ispeċi jgħidulhom closed cycle species għax jiġu mfaqqsa ġo hatchery u mkabbrin ġol-gaġeġ sakemm jilħqu daqs kummerċjali.

Razzett ieħor jipproduċi kemm closed cycle species kif ukoll isemmen it tonn li jinqabad mis selvaġġ.

Bl-isfruttament kurrenti tal-istocks tal-ħut selvaġġ u l-pressjoni tas-sajd eċċessiv minħabba d-domanda dejjem tikber għall-ikel illi jiġi mill baħar, il-maġġoranza ta' dawn l-istocks għaddejjin minn sajd żejjed. L-industrija tal-akkwakultura qed taħdem u dejjem tavvanza biex tkun sostenibbli b'mod li dejjem tnaqqas il-pressjoni tas-sajd fuq l-istocks tal-ħut selvaġġ li jagħtihom żmien biex jirkupraw. Din l-industrija mhix biss sostenibbli għall-ambjent, iżda wkoll hija soċjo-ekonomikament importanti, għax isservi ta' fornitur għall-ħut ta' kwalità impekkabbli għas-settur lokali kif ukoll għall-esportazzjoni.

Diversi pajjiżi Ewropej, fosthom Malta, qegħdin kontinwament jaħdmu fuq programmi annwali ta' riċerka bil-għan illi tintlaħaq vijabilità ekonomika fit-trobbija tal-ispeċi tal-akkwakultura, bħal u dwar id-diversifikazzjoni ta' speċi, fejn l-għan huwa li jilħqu swieq differenti, jintlaħaq dħul ekonomiku aħjar, u titnaqqas il-pressjoni tal-istocks fuq il-ħut selvaġġ. F'Malta, provi fuq speċi diversi għat-tkabbir saru fuq diversi speċi, fosthom:

- AĊĊJOL;
- ĊEREN U DOTTIJIET;
- SARGI;
- SPEĊI VARJI TA' KROSAĊEJI;
- SPEĊI VARJI TA' FROTT TAL-BAĦAR;
- ĦJAR TAL-BAĦAR; U
- RIZZI.


Aċċjol


Sargi

Bħalissa, għaddejjin proġetti ġodda fuq it-tkabbir tal-pagri u ċ-ċippullazz, kif ukoll qed jiġu esperimentati tipi ta' għalf differenti għall- użu f'dan is settur. Dawn il proġetti ta' riċerka għandhom l-għan illi jiddeterminaw liema huwa l-għalf l-aktar effiċjenti għall-użu fl-akkwakultura.

Qed isiru wkoll provi fuq it-tkabbir ta' gambli żgħar (stampa 3) ta' Malta biex jintużaw bħala live food għal ħut żgħir li jkun imfaqqas fil-hatcheries.





*Dan l-ariklu nkiteb minn Sarah Borg Uffiċjal tas-Sorveljenza fad-dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.*

# €530,000 F'VETTURI U INĠENJI AGRIKOLI

F'konferenza li saret nhar is-17 ta' Frar 2017, is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes inawgura 'l fuq minn 25 vettura u inġenji agrikoli. Dan seta' jsir b'investiment totali ta' madwar 530,000 ewro.

Dawn l-inġenji u l-vetturi jinkludu numru ta' vannijiet, gafef, trakkijiet, skavaturi, trakters u karozzi jaħdmu bl-elettriku. Bis-saħħa ta' dan l-investiment ser jibbenefikaw madwar għaxar dipartimenti u direttorati li jagħmlu parti mis-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali.

Is-Segretarju Parlamentari saħaq illi investiment ta' din ix-xorta ilu ma jsir mis-snin sebgħin, u s'issa dawn id-dipartimenti u direttorati kienu qegħdin jaħdmu b'makkinarju antikwat. Kien għalhekk li nħass il-bżonn illi jiġi aġevolat is-settur tal-agrikoltura.

L-Onorevoli Galdes irringrazzja lis-Segretarju Permanenti u l-uffiċċju tiegħu għall-mod kif ġew iġġenerati l-fondi biex din il-bidla fil-kwalità għall-ġid tas-settur agrikolu setgħet isseħħ.

Dan l-investiment ser ikun qiegħed jgħin u jassisti lid-dipartimenti u lid-direttorati fix-xogħol tagħhom ta' kuljum, fil-manutenzjoni, kif ukoll fi proġetti ġodda.



# IT-TIFQIS TAL-BAJD



Għal dan iż-żmien tas-sena kull delettant tat-tjur jibda jipprepara ruħu għat-tifqis għaliex ikun wasal l-aħjar żmien tas-sena sabiex wieħed jibda dan il-proċess.

Hawn min jippreferi jfaqqas il-bajd tiegħu taħt qroqqa, b'mod naturali. Dan ifisser illi t-tiġieġa titħalla tbid l-għanqud kollu tal-bajd u mbagħad toqgħod fuqu għal 21 ġurnata sakemm ifaqqsu. Dan il-metodu ta' tifqis fih l-iżvantaġġi u l-vantaġġi tiegħu. Vantaġġ huwa li wieħed ikun qiegħed ifaqqas il-bajd tiegħu b'mod naturali mingħajr bżonn ta' elettriku, u b'hekk ma jkollux periklu li jispiċċa bla dawl, iżda żvantaġġ huwa li t-tiġieġa ddum aktar ma terġa' tibda tbid, u b'hekk tieħu anqas bajd milli kieku tuża metodi artifiċjali. Hawn razez ta' tiġieġ li mhumiex kapaċi jinkubaw il-bajd tagħhom, jiġifieri ma joqogħdux qroqqa. Eżempju ta' dan huwa r-razza tat-tiġieġ is-suwed ta' Malta.

Metodu ieħor ta' tifqis huwa dak artifiċjali, bl-użu ta' inkubaturi. Jeżistu diversi tipi ta' inkubaturi: dawk illi jaqilbu l-bajd waħidhom u dawk li jkollhom jinqalbu manwalment. Dawk li jinqalbu manwalment, wieħed irid iqallbu tal-inqas darbtejn kuljum.

Qabel wieħed jitfa' l-bajd ġol-inkubatur, dejjem irid jiċċekkja li l-inkubatur qiegħed jaħdem kif suppost. L-inkubatur irid ikun qiegħed iżomm it-temperatura sewwa, bejn 36°C u 37.7°C.

Wieħed għandu jagħżel tajjeb x'bajd jitfa' ġol-inkubatur. Kull bajda li tkun imxaqqa, ikollha difett fil-forma jew ħmieġ għandha tiġi mwarrba.

Il-perjodu ta' inkubazzjoni tal-bajd ivarja minn razza ta'tjur għal oħra. Pereżempju t-tiġieġ jeħtieġu 21 ġurnata, is-summien 18-il ġurnata u l-paguni 28 ġurnata.

Meta jintużaw l-inkubaturi, il-bajd għandu dejjem jixxarrab b'ilma bl-istess temperatura tal-inkubatur. Dan isir biex b'hekk tittella' l-umdità fl-inkubatur innifsu, il-qoxra tal-bajda tirtab, u l-fellus ma jbatix biex joħroġ mill-bajda.

Wara nofs il-perjodu ta' inkubazzjoni wieħed jista' jiċċekkja jekk il-bajd huwiex ingallat jew le. Dan jista' jsir b'użu ta' bozza. Jekk id-dawl jidher biss fit-truf tal-bajda, dan ikun ifisser illi l-bajda hija ngallata, jekk min naħa l-oħra d-dawl jidher uniformi mal-bajda kollha, dan ikun ifisser illi l-bajda mhix ingallata.

Kull min ifaqqas xi bajd ta' kwalunkwe tjur għandu jkollu post fejn iżomm il-flieles meta jfaqqsu. Għandu jkollu lesta kamra mgħammra b'sors ta' sħana li żżomm il-kamra b'temperatura sħuna.

Bejn tifqisa u oħra l-inkubatur għandu jinħasel b'diżinfettant sabiex jekk ikun hemm mikrobi mit-tifqisa ta' qabel, il-bajd li jkun se jitpoġġa ma jiġix infettat.



*Dan l-artiklu nkiteb minn Patrick Gauci Uffiċjal Agrikolu Anzjan fi ħdan id-Direttorat għall-Kompetizzjoni u d-Diversifikazzjoni.*

# RAZZEZ DOMESTIĊI MALTIN

# QTATES ASSOĊJATI MALL-GŻEJJER MALTIN

Fdalijiet tal-qtates instabu f'Għar Dalam. Il-qattus dejjem kien kumpanija għall bniedem modern. L-oriġini tal-qattus domestiku fl-ewropa immur lura minn żmien ir-rumani.

## IL-QATTUS IRMIEDI




Din ir-razza hija fost l-eqdem annimal domestiku li insibu fil kitbiet antiki. Hemm diversi stejjer assoċjati ma' superstizzjoniet li l-qattus malti jissemma fihom. Hemm ukoll rapporti li juru li dan il-qattus kien mitlub ħafna barra minn xtutna, speċjalment fis-seklu sittax. Ma dan il-qattus hemm ukoll assoċjati it-toqob antiki tal-qtates fid-djar maltin, li minn dawn jeżistu diversi tipi. l-ewwel deskrizzjoni ta din ir-razza saret minn Plumbe et al fl-1881, li jgħid li din hija razza indiġena għal Malta. Goodrich (1855) jiddiskrivi il-Qattus Irmiedi bhala lewn bhal dak tal-ġurdien selvaġġ u magħruf bhala wiehed mill-aqwa predaturi għal Gerriema. Maż-żmien, il-qattus malti barra minn xtutna ismu (Maltese Blue Cat) beda l-iktar jintuża biex jiddiskrivi qtates li għandhom pil griż-kaħlani, widnejn ipuntati qosra u għajnejn sofor. Fejn mid-dehra fis-seklu tmintax kien parti komuni mis-soċjeta Maltija, illum dan il-qattus lanqas 'standard' m'għandu. Minkejja li xi kultant xi wieħed jitfaċċa skond id-deskrizzjoni tal-qattus malti, nistgħu inqiesu din ir-razza bħala kważi estinta. Huwa xieraq li mill-popolazzjoni ta qtates lokali, jsir programm biex issir selezzjoni artifiċjali biex nipprovaw inġibu dan il-qattus lura.

## IS-SIAMESE T'GĦAWDEX



Ħafna Maltin jirreferu għas-Siamese t'Għawdex bħala varjant lokali ta' din ir-razza magħrufa mad-dinja kollha. Mid-dehra l-popolazzjoni t'Għawdex tvarja għax dan il-qattus għandu rasu aktar ittundjata, saqajh itwal min-normal, u huwa magħmul kemxejn akbar u itqal meta tqabblu ma' dawk tal-istess razza imma li mhumiex lokali. Dan il-qattus donnu baqa' jixbah lill-qtates tal-istess razza li wieħed kien isib lejn l-aħħar tas-Seklu Dsatax. Il-ħabba ta' għajnejn dan il-qattus ma tkunx dejjem ċentrali, anzi nistgħu niddeskrivuh bħala xi ftit werċ. Il-kulur tal-varjant lokali jkun aktar skur, possibilment minħabba t-temperatura u fatturi ambjentali lokali oħrajn. Ħafna drabi, id-denb jispiċċa bid-daqqa (kinked tail).Għadhom qed isiru aktar investigazzjonijiet mill-awturi preżenti u s'issa għadha ma nstabitx konklużjoni jekk hemmx distinzjoni morfoloġika b'saħħitha biżżejjed biex wieħed jgħid li din il-popolazzjoni hija waħda unika. Il-probabbiltà hija li dawn il-qtates jiġu kollha minn xulxin u hemm nuqqas ta' ġenetika diversifikanti.

## IT-TIĠRA MALTIJA



Dan huwa kulur ta' sottospeċi ta' tigra minn nofsinhar taċ-Ċina. Huwa id-dokumentat diversi drabi imma qatt ma kien provat xjentifikament. Din it-tigra ħadet l-isem assoċjat ma Malta għax iż-żmien li kienet tinstab l-aktar hu meta il-Qattus Irmiedi kien populari u semmewha hekk għal kuluri simili li kellhom bejnithom.

Lokament illum jinstabu diversi razzez domestiċi barranin. Il-qtates tat-toroq jiġġorru fihom id-demm tal-Qattus Irmiedi u għalkemm huma ta dannu għal biodiversita lokali, huma parti mill wirt tagħna. Żewġ kuluri huma vera ismijiet maltin, iżda il-kuluri mhumiex endemiċi għal Malta. Dawn huma il-kulur Bebbuxu u dak tal-Madonna.

*Hajr lil Dr Anthony Grupetta ta` informazjoni li ghadilna fuq din il razza tal qattus irmiedi u lil Romario Sciberras qari tal-provi.*

*Dan l-artiklu nkiteb minn Arnold , Jeffrey Sciberras, riċerkaturi fuq il Biodiversita u Catherine Portelli li hi Veterinarja.*

# ROKNA GĦAT-TFAL

Claire Cauchi

merlin library
Mountbatten Street, Blata l-Bajda | Bisazza Street, Sliema
T. 21234438 | mail@merlinlibrary.com
www.merlinlibrary.com | facebook.com/merlinlibrary

## KIF INTOM TFAL?

Hekk kif ix-xitwa kważi għaddiet u bdejna resqin lejn ir-Rebbiegħa, illum b'dan l-artiklu se nkun qed neħodkom dawra fil-kampanja sabiex nammiraw uħud mill-fjuri varji li nsibu f'dan iż-żmien tas-sena.

Dan l-istaġun huwa ideali sabiex wieħed imur mixja qalb il-kampanja. Naraw ħafna lwien differenti u n-natura terġa' tibda tieħu l-ħajja. F'dan l-artiklu se nkunu qed naraw uħud mill-fjuri li nsibu madwarna, u l-iktar dawk illi huma favoriti magħna għall-ilwien sbieħ tagħhom.



### WIDNET IL-BAĦAR

Il-Widnet il-Baħar ġiet iddikjarata bħala l-pjanta nazzjonali fl-1971. Din il-pjanta hija endemika, jiġifieri nsibuha biss f'pajjiżna. Bħala pjanta hija kemxejn rari, u l-iktar li narawha huwa fl-irdum u fix-xagħri. Hija pjanta protetta bil-liġi u mniżżla bħala waħda li tista' tiġi estinta. Hija tibda twarrad għall-ħabta ta' Mejju u tagħmel fjura ta' lewn vjola. Dan l-aħħar saret iktar komuni li nikkultivawha, u sirna narawha anke madwarna f'ġonna pubbliċi.



### IL-KAPPARA

Il-pjanta tal-kappar hija pjanta komuni ħafna. Nistgħu ngħidu li tinbet mix-xejn, u mhux l-ewwel darba li narawha tikber anke ma' xi sur. Il-weraq tagħha huma tondi u kemxejn ħoxnin u l-fjura tagħha hija bajda bl-istamen vjola. Tradizzjoni Maltija hija l-gbir tal-kappar. Mhux l-ewwel darba li tkun għaddej fil-kampanja u tara xi raġel xwejjaħ jaqta' l-kappar. Meta jingabar, dan jitpoġġa f'taħlita bil-ħall u jintuża ħafna ma' riċetti tradizzjonali, bħal ngħidu aħna z-zalza tal-kappar bil-bżar aħdar għal fuq il-ħut u f'ikla mfittxija magħna l-Maltin: dik tal-ħobż biż-żejt!



### IL-PEPPRINA ĦAMRA

Il-Pepprina Ħamra hija fjura popolari ħafna fil-kampanja Maltija. Insibuha l-iktar matul ir-Rebbiegħa u fil-bidu tas-Sajf. Hemm ħafna tipi ta' pepprin, imma dik ħamra hija l-iktar komuni. Iż-żerriegħa tagħha tittiekel ukoll, u l-iktar li tintuża hija mad-deżerti.



### IL-BUŻBIEŻ

Il-Bużbież hija pjanta komuni ħafna li nsibuha fix-xagħri. Hija tikber madwar żewġ metri u nofs u tagħmel fjuri f'forma ta'umbrella bejn Mejju u Ottubru. Dawn il-fjuri jattiraw ħafna nsetti, fosthom il-farfett tal-fejġel li jissejjaħ ukoll il-farfett tal-bużbież. Iż-żerriegħa tal-bużbież hija ingredjent komuni fil-kċina Maltija, illi jintuża speċjalment biex iħawwar xi dixx patata l-forn.



### IL-ĦAXIXA INGLIŻA

Il-Ħaxixa Ingliża oriġinat min-naħa t'isfel tal-Afrika, u nġiebet Malta fi żmien il-Ħakma Ingliża. Hija l-iktar pjanta komuni li nsibu fil-kampanja Maltija u tista' tgħid li kulfejn tħares tilmaħ xi waħda. Hija tissejjaħ ukoll il-qarsu minħabba li għandha togħma qarsa.

Dawn li semmejna huma ftit mill-pjanti li wieħed isib fil-gżejjer tagħna. Għandna ħafna speċi ta' pjanti madwarna, li sfortunatament mhumiex apprezzati. Għalhekk tfal, id-darba li jmiss li tkunu fil-kampanja, ħarsu ħarsa madwarkom u apprezzaw il-flora li nsibu madwarna!

Ritratti Emanuel Cauchi

# KOMPETIZZJONI GĦAT-TFAL



ELENA CURMI

Irbaħ ktieb ġentilment mogħti lilkom mingħand Merlin Library billi twieġeb din il-mistoqsija:

## XI TFISSER IL-KELMA ENDEMIKA?

Ibgħatu tweġibiet tagħkom flimkien ma' ismek u kunjom,data tat-twelid, inidrizz tad-dar, indirizz eletroniku u numru tat-telefon lil; Kompetizzjoni Nisġet Artna, Taqisma Festi RuraliĊentru ta' Riċerka u l-Iżvilupp L-Għammieri , Triq l-Ingieredil-Marsa. MRS 3303 sa mhux aktar tard mit 28 t'April 2017.

**Kompetizzjoni miftuħa għal tfal mhux akbar minn 12-il sena**

tkompli f'paġna 12

# ATTIVITÀ OĦRA B'RISQ L-ANNIMALI TAT-TRIQ



L-annimali m'għandhomx leħen, u għalhekk huwa ta' importanza li nkunu aħna l-bnedmin li nsiru l-leħen tal-annimali. Il-kampanja Floyd Campaign imtella' minn Pink Panther u Borg&Cardona hija kampanja li tagħti sostenn kemm lil santwarji tal-annimali, kif ukoll lil dawn l-individwi li jitimgħu lill-annimali tat-triq.

Fit-tmiem tat-tielet edizzjoni ta' din il-kampanja nġabret is-somma sostanzjali ta' 14,000 ewro. L-Onorevoli Roderick Galdes, li kien preżenti għall-għeluq ta' din il-kampanja, tkellem ma' ħafna mill-feeders preżenti. Huwa qal illi jifhem il-weggħa ta' dawn is-santwarji u l-feeders li jsibu diffikultà finanzjarja u ta' riżorsi umani.

Bis-saħħa ta' din il-kampanja tqassmu numru ta' kupuni li jistgħu jissarfu mingħand Borg&-Cardona f'ikel u f'mediċini sabiex itaffu ftit mill-piż finanzjarju.

# KWAREŻIMAL

Il-Kwareżimal huwa l-ħelu tradizzjonali Malti marbut ma' Żmien ir-Randan. Fil-fatt, il-kelma "kwareżimal" ġejja mill-kelma Taljana "quaresima" jew "quadragesima" li tfisser l-erbgħin jum tar-Randan. Il-kwareżimal ma kienx ikun fih xaħam għax ma kienx jintuża bajd waqt illi jkun qed ikun prodott. Dan minħabba li fi żmien ir-Randan, ma kienx jittiekel bajd. Illum il-ġurnata, minħabba li s-sawm tar-Randan sar inqas riġidu, fil-produzzjoni tal-kwareżimal ġieli jiżdied anke l-abjad tal-bajd sabiex il-prodott finali jkollu togħma aħjar.

## INGREDJENTI



250G LEWŻ

250G ZOKKOR

240G DQIQ PLAIN

2 ABJAD TAL-BAJD

ILMA ŻAHAR

FTIT ILMA

QOXRA MAĦKUKA TA' LARINĠA U TAL-LUMIJA

IMSIEMER TAL-QRONFOL MITĦUNIN

GĦASEL

## METODU

Inkalja ftit lewż sakemm jsir kulur dehbi, ħallih jiksaħ u itħnu f'biċċiet naqra mdaqsin, warrab ftit biex tużah għall-wiċċ.

Ġol-mixer itfa d-dqiq magħrbul, żid il-lewż, iz-zokkor, il-qxur tal-larinġa u tal-lumija,l- imsiemer tal-qron-fol,l-abjad tal-bajd u l-ilma żahar.

Ħawwad kollox sakemm tara li għaqad kollox flimkien tifforma għaġina Jekk tara li l-għaġina ġiet iebsa żid ftit ilma.
Importanti li ma zidtx ħafna ilma żejjed għaliex l-għaġina ma tridx tiġi ratba nkella tiċċatja meta tkun qegħdha tinħema.

Saħħan il-forn tempetatura ta' 190 grad jew gas mark 5.

Xarrab ftit idejk bl-ilma u ibda forma l-għaġina f'biċċiet ovali. Kull biċċa trid tkun bejn wieħed u ieħor 16cm twila, 5cm wisa' u madwar 2cm għolja.

Iksi dixx b'karta forno u poġġihom fuqha. B'sikkina bil-ponta għamel sinjali forma ta'salib fil-wiċċ. Daħħalhom fil-forn għal madwar 12/14 il-minuta. Importanti li ma tagħmilomx irqaq u sajjarhomx iżżejjed. Meta toħroġhom mill-forn jkienu jidhru li għadhom rotob imma mhux problema meta jikħsu jiebisu.

Kif jkun għadhom sħan, idlek il-wiċċ bl-għasel u poġġi l-biċċiet tal-lewż billi tafashom ftit.

*Riċetta: Klabb tat-tisjir Anton B.Dougall*



Ben u Muttley, il-klieb tal-awtur.
Ritratt Philip Aquilina

# IL-BHEJJEM U L-KULTURA TAL-BNIEDEM

Ninsabu ngħixu f'soċjetà, li minkejja li hi pjuttost żgħira, xorta waħda għandna ħafna kulturi differenti. Nisimgħu ħafna kontroversji u dibattiti jaħarqu dwar il-ħarsien xieraq tal-annimali, u diversi drabi ż-żewġ partijiet ikollhom xi ftit mir-raġun. Wieħed għandu dejjem iħares lejn in-natura tal-każ sabiex ikun jista' jasal għal konklużjoni adegwata.

## L-ANNIMALI TAL-IRZIEZET

Nibda billi nsemmi r-raħħal u l-bhejjem tar-razzett. Dawn il-bhejjem jitrabbew għal għan wieħed: għall-produzzjoni ta' prodotti agrikoli li finalment jispiċċaw fuq il-platt tiegħi u tiegħek. Għaldaqstant, dawn ma jistgħu qatt jiġu trattati b'mod bħal meta nrabbu xi annimal għall-kumpanija. Ir-relazzjoni bejn raħħal u l-bhejjem tiegħu hija totalment differenti minn relazzjoni bejn persuna u l-annimal li qed trabbi għall-kumpanija.

Ir-raħħal għandu l-obbligu li jħares il-Ħames Libertajiet tat-Trattament Xieraq tal-Annimali. Diment illi raħħal ikun qiegħed josserva dawn il-libertajiet, l-annimal ikun qiegħed jitrabba b'mod xieraq. Iżda napprezzaw il-fatt illi raħħal m'għandux il-jedd li joqgħod ifissed lil dawn il-bhejjem. Kieku wieħed ikun jista' jagħmel dan tkun tassew ħaġa sabiħa, iżda fir-realtà, f'ġurnata xogħol ta' raħħal, din hija prattikament impossibbli. L-importanti huwa li qatt u bl-ebda mod dawn il-bhejjem m'għandhom jiġu maħqura jew nieqsa minn xi ħaġa.

Hemm tendenza li xi kultant ir-raħħala jħarsu lejn il-bhejjem bħala oġġett. Din tkun ġejja minħabba d-drawwiet li jkunu trabbew fihom u l-kultura li jkunu ġejjin minnha, għaliex finalment raħħal qiegħed irabbi dawn il-bhejjem biex jaqla' l-għajxien tiegħu. Meta dan jiġri jista' jwassal għal ċerta negliġenza b'konsegwenza li jbati l-annimal, u dan m'għandu jiġri qatt għaliex dawn il-bhejjem huma maqfula u jiddependu totalment fuq ir-raħħal, u għaldaqstant huwa dmiru li jieħu ħsiebhom. M'iniex ninsinwa li r-raħħala jridu jsiru bħal San Franġisk! Li qed ngħid huwa li l-annimali mhumiex oġġett, iżda huma ħajjin bħalna, u għaldaqstant wieħed għandu jkun responsabbli u jittrattahom kif xieraq.

## L-ANNIMALI DOMESTIĊI

Meta wieħed jagħżel illi jrabbi annimal għall-kumpanija jkun ukoll responsabbli għalih. Ninsab persważ illi l-parti l-kbira ta' dawn l-annimali jkunu qed jitrabbew f'kundizzjonijiet eċċellenti, ħafna mid drabi daqslikieku jagħmlu parti mill-familja, u hekk nemmen li għandu jkun. Kultant tant inħobbu lill-annimali tagħna, li nispiċċaw inqisuhom qishom bnedmin u dan huwa ħażin ukoll, għaliex meta nħobbu annimal iżżejjed jibdew jiżviluppaw problemi oħrajn. Meta noqogħdu nitħassru lill-annimal u nħobbuh bla qies, ħafna mid-drabi nispiċċaw nagħtu ħafna ikel żejjed illi mbagħad iwassal għal annimali obeżi. Ħelu u ikel minn tagħna jwassal għal problemi ta' saħħa fl-annimal, bħal pereżempju problemi fil-kliewi jew fil-fwied. Fattur ieħor li noqogħdu lura minnu ghax inħobbu lill-annimal hija d-dixxiplina. Meta nħallu lill-annimal jagħmel li jrid mingħajr ma nikkontrollawh adegwatament, inkunu qed noħolqu annimali b'karattri problematiċi li ħafna mid-drabi jibdew jagħmlulna l-ħsara fid-dar, iħammġu bla kontroll, u ġieli anke jsiru agressivi. Wieħed għandu jħobb u jieħu ħsieb lill-annimal, iżda jrid iżomm f'moħħu li fl-aħħar mill-aħħar jibqa' annimal.

Għaldaqstant wieħed m'għandu qatt iħares lejn l-annimal, la bħala bniedem u wisq inqas bħala oġġett, għaliex it-tnejn huma żewġ estremi, u finalment l-annimal ikun qed ibati. Fil-fehma tiegħi l-annimali huma l-isbaħ ħaġa li ħalaq Alla; huma ħlejjaq ħajjin u bla ebda ħażen, u għalqastant għandna nkunu responsabbli u nieħdu ħsiebhom kif xieraq.

*Dan l-artiklu nkiteb minn Philip Aquilina Uffiċjal Agrikolu Anzjan fi ħdan id-Direttorat għall-Kompetizzjoni u d-Diversifikazzjoni.*

# IL-KAPPELLI FIL-KAMPANJA MALTIJA

F'din is-sensiela se nagħmlu vjaġġ madwar il-kappelli fil-kampanja Maltija, u sejrin nibdew b'kappella antika ħafna li tinsab fuq il-gżira ta' Kemmuna. Il-patroċinju ta' din il-kappella huwa r-Ritorn tas-Sagra Familja mill-Eġittu u tinsab qrib ħafna tal-Bajja ta' Santa Marija.

Il-gżira ta' Kemmuna, li fiha 3.5 kilometri, għal żmien twil kienet diżabitata, speċjalment fil-perjodu tal-Medju Evu, meta din il-gżira kienet isservi bħala post fejn jistkennu l-pirati. Qabel dan iż-żmien, madankollu, jidher li minn fdaljiet illi nstabu, bħalma huma oqbra ta' Żmien il-Feniċi, li ġew skavati minn Sir Temi Zammit fil-bidu tas-Seklu Għoxrin, fuq il-gżira kien hemm xi tip ta' attività.

Kemmuna reġgħet bdiet tieħu ftit tar-ruħ u reġgħet bdiet tara l-attività meta fl-1618, il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, fi żmien il-Maġisteru tal-Gran Mastru Franċiż Alof de Wignacourt (1601-1622), inbena t-Torri ta' Santa Marija biex jgħasses il-fliegu bejn Malta u Għawdex u biex tingħata sigurtà lil Kemmuna.



(http://viewmalta.com/comino/comino/)

Dan il-pass ta lok sabiex tinbena din il-kappella li kienet iddedikata lil Santa Marija. M'hemmx indikazzjoni eżatta meta nbniet, imma probabbli dan sar fl-istess żmien li nbena t-torri fl-1618. Imbagħad sar tkabbir tal-kappella fl-1667, iżda fl-istess sena kienet ġiet ipprofonata mill-Isqof Luca Bueno (1666-1668) u reġgħet tkabbret għal darba oħra fl-1716. Kien fl-istess sena li din ġiet ikkonsagrata mill-ġdid mill-Isqof Joaquin Cannaves (1713-1721) u ġiet iddedikata għat-titular li nsibu llum, jiġifieri dak tar-Ritorn tas-Sagra Familja mill-Eġittu.



(http://www.panoramio.com/photo/107348538)

Din il-kappella, kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa hija sempliċi ħafna u m'għandha l-ebda tiżjin arkitettoniku. Il-parti fejn hemm l-artal li mhuwiex faċċata tal-bieb imma fuq ġenb minnhom, huwa maqtugħ bi grada tal-injam mill-kumplament tal-kappella, u hija l-unika knisja fil-gżejjer Maltin li għad għandha din it-tip ta' grada li kienet użanza Biżantina. Ta' min jgħid ukoll illi din il-grada mhix dik oriġinali.



(http://gozonews.com/63366/traditional-comino-feast-festa-ta-kemmuna-dedicated-to-saint-mary/)

Il-Kwadru Titulari huwa pittura sabiħa ħafna attribwita lill-pittur Francesco Zahra (1710-1773) jew lil xi ħadd mill-iskola tiegħu. Maż-żmien, fis-7 ta' Jannar kienet tiġi ċċelebrata l-festa titular, li wara bdiet tiġi ċċelebrata fl-24 ta' Lulju. Il-festa baqgħet issir sas-sena 1949 meta seħħet traġedja tal-logħob tan-nar illi ħalliet persuna mejta. Kien biss fis-sena 2015 li f'Awwissu, reġgħet bdiet issir il-festa ta' Kemmuna, ftit jiem wara l-festa ta' Santa Marija.

*Dan l-artiklu nkiteb minn David Bartolo, B.Hons European Studies with History (Melit)*

# IN-NAĦAL U L-GĦASEL TA' MALTA

L-Apikultura f'pajjiżna tmur lura għal ħafna snin.Fiż-żminijiet qabel ġie vvintat iz-zokkor, l-għasel kien l-uniku mezz biex iżidu l-ħlewwa mal-ikel, allura ħafna bdiewa kienu jżommu ferħ naħal sabiex jaqtgħu l-għasel għall-konsum tal-familjari tagħhom.

## IN-NAĦLA MALTIJA

Is-sottospeċi tan-Naħla Maltija (Apis mellifera ruttneri) hija razza ta' naħal ta' kulur sewdieni, żgħir fid-daqs, bieżel ħafna u u jmur tajjeb ferm mal-klima ta' pajjiżna. Meta nqabbluh ma' dak tan-naħa ta' fuq tal-Afrika u ma' dak ta' Sqallija, insibu li għandu saqajh u l-ġwienaħ iqsar. L-abdomen tiegħu huwa wiesgħa, kif ukoll miksi b'xagħar twil. Ir-reġina tibqa' tbid matul is-sena kollha, speċjalment qabel ir-rebbiegħa u qabel il-ħarifa. Bħala naħla taħdem anke f'temp sħun ħafna, u fis-sajf, meta t-temperatura togħla ħafna għandha tendenza li taħdem filgħodu kmieni u tard wara nofsinhar.





## IT-TAQSIMA TAL-APIKULTURA FL-GĦAMMIERI

Id-Direttorat għad-Diversifikazzjoni u l-Kompetittività reġa' qiegħed jagħti l-ħajja lit-taqsima tal-Apikultura fl-Għammieri, u qiegħed irabbi numru ta' kolonji tan-naħal ġewwa l-miġbħa. L-għan prinċipali tat-Taqsima mhux li tipproduċi l-għasel u prodotti oħra għall-bejgħ, iżda li terġa' tnissel naħal tar-razza Maltija tat-tip "Apis mellifera rutneri".

Bħalissa x-xogħol primarju huwa li nerġgħu nippruvaw intejbu l-istat tal-kolonji li hemm ġewwa din il-miġbħa. Dawn il-kolonji li hemm preżenti qegħdin jingħataw l-attenzjoni kollha neċessarja sabiex jissaħħu kemm jista' jkun, sabiex finalment iservu għat-tnissil ta' frieħ ġodda fi żmien ir-rebbiegħa. L-Università ta' Malta bdiet ukoll proċess sabiex isiru testijiet tad-DNA fuq il-kolonji li hawn fl-Għammieri, biex fl-aħħar mill-aħħar insiru nafu l-livell ta' purità ta' dawn il-kolonji. Ix-xogħol primarju tal-Apikultura se jkun li meta jerġa' jikber l-ammont ta' kolonji tat-tip "Apis mellifera rutneri", jibdew jitnisslu frieħ ġodda sabiex ikunu jistgħu jinbiegħu u terġa' tibda tikber il-popolazzjoni tan-naħla Maltija. B'dan l-eżerċizzju nkunu qed nevitaw l-importazzjoni tal-irġejjen minn barra, kif ukoll innaqqsu r-riskju tal-mard li jidħol f'pajjiżna.



Matul ix-xahar ta' Jannar ittieħdu l-prekawzjonijiet kontra l-akaru parassita tan-naħal illi huwa l-"Varroa'. Dan sar billi ddendlu strippi apposta fil-kaxxi tan-naħal. Dawn l-istrippi jiddendlu fejn ikun hemm id-duqqajs, u jerħu tip ta' kimika li tiċċappas man-naħla kull meta tmur titma' l-frieħ. B'dan il-mod, il-parassita ma jattakkax lin-naħla u ma jinfirixx. Bħala tip t'akaru huwa pjuttost komuni, u jekk ma jittiħdux dawn il-prekawzjonijiet jispiċċa jinfirex u jattakka n-naħal billi jixrobilhom il-likwidi tal-ġisem.

Punt ieħor importanti huwa li fiż-żminijiet kesħin. In-naħal ma joħroġx jiġbor l-ikel jekk ikun temp kiesaħ u bix-xita, għalhekk ir-riserva tal-ikel illi jkollu fil-kaxxa tibda tonqos u l-kolonja tiddgħajjef. Meta wieħed jinnota dan għandu jgħin lill-kolonja bi ftit għalf ħalli ma nħalluhiex tbati.

Il-miġbħa tal-Għammieri hija attrezzata b'kuridur protett minn xibka apposta għall-osservazzjoni, sabiex studenti u nies interessati fis-suġġett ikunu jistgħu jaraw in-naħal mingħajr periklu.

## L-ISTAĠUNI TAL-GĦASEL

L-inqas li n-naħal jtellgħu xogħol huma f'Jannar u Frar, għaliex apparti l-kesħa, il-fjuri jonqsu wkoll. Għall-ħabta ta' Marzu n-naħal jibda jipprepara għar-Rebbiegħa. F'April u Mejju l-fjuri jkunu abbundanti, allura n-naħal ikollu ħafna fejn jirgħa.

Għall-aħħar ta' Mejju l-fjuri jinxfu u n-naħal jibda jnixxef l-għasel, u naraw ukoll ix-xehda li tiġi ssiġillata bix-xemgħa. F'dan iż-żmien jinqata' l-għasel multiflora li jkollu lewn ċar.

Għall-aħħar ta' Lulju jinqata' l-għasel tas-sagħtar. Wara Mejju ftit jibqa' flora fejn in-naħal jista' jirgħa, iżda s-sagħtar iwarrad ukoll fin-nixfa, għalhekk in-naħal f'dan iż-żmien narawh jirgħa fuqu. Dan it-tip t'għasel għandu togħma aromatika.

Għal Novembru jinqata' l-għasel tal-ħarrub u l-ewkaliptus. Dan l-għasel ikun l-iktar wieħed skur illi nsibu fis-suq.
F'Ottubru l-ħarrub iwarrad u n-naħal jaħdem ħafna biex
jiġbor il-meraq ta' din il-fjura.

Il-produzzjoni tal-għasel hija kollha xogħol in-naħla, u l-bniedem m'għandu l-ebda intervent fil-produzzjoni tiegħu. Ix-xogħol uman jibda wara li n-naħla tkun issiġillat ix-xehda sabiex l-għasel jitpoġġa fil-vażetti biex jinxtara
mill-konsumatur.




*Dan l-artiklu minn Claire Cauchi Uffiċjal Agrikolu Anzjan fi ħdan id-Direttorat għall-kompetizzjoni u d-Diversifikazzjoni.*

## L-EWWEL KUNSILL TAL-MINISTRI TAL-UNJONI EWROPEA PPRESEDUT MILL-PRESIDENZA MALTIJA

Fix-xahar ta' Jannar, is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes ippreżenta programm ta' ħidma u ta' xogħlijiet lill-Kunsill tal-Ministri. Dan kien l-ewwel Kunsill tal-Ministri ppresedut mill-Presidenza Maltija fil-bini l-ġdid tal-Kunsill, Europa Building.

Is-Segretarju Parlamentari qal illi l-prijoritajiet ewlenin fil-qasam tal-agrikoltura huma li jsegwu bir-reqqa s-sitwazzjoni tas-swieq u tan-negozjati, kif ukoll li jaslu għal deċiżjoni dwar il-produzzjoni agrikola, il-foresti, ir-reżistenza antimikrobika u l-mediċini veterinarji.

Roderick Galdes żied illi s-swieq qegħdin jirkupraw bil-mod, però għad fadal ħafna bdiewa li xorta qegħdin isibu xi diffikultajiet. Huwa qal illi l-Presidenza Maltija se tkompli ssegwi s-sitwazzjoni u lesta tieħu passi konkreti jekk tinħass il-ħtieġa.

Fil-Kunsill tal-Ministri ġew diskussi wkoll l-aħħar żviluppi fis-swieq agrikoli, l-implimentazzjoni tal-Milk Package, kif ukoll ir-rapporti dwar il-laħam tan-nagħaġ.

Il-Ministri saħqu dwar l-importanza tal-kummerċ għas-settur agrikolu u l-benefiċċji li jista' jħalli l-ftehim ta' kummerċ ħieles, fis-settur agrikolu. Madankollu insistew dwar il-ħsara li tista' sseħħ f'każijiet ta' ftehim mhux bilanċjat jew ta' ftehim dirett mal-kompetituri.

Sadanittant, is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes informa lill-ministri dwar il-konsegwenzi tal-Avian Flu u dwar l-eżitu tal-40 konferenza tad-Diretturi tal-Aġenziji tal-Pagamenti.





# ŻJARAT GĦALL-ISKEJJEL FI "ĠNIEN IL-PJANTI MALTIN"

Id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti taħt id-Dipartiment għar-Regolazzjoni Veterinarja u s-Saħħa tal-Pjanti kontinwament jaħdem fuq proġetti relatati mal-konservazzjoni ta' pjanti lokali ta' importanza ġenetika. Fil-fatt, ftit tax-xhur ilu, propju f'Mejju 2016, is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali inawgura l-ġnien botaniku bl-isem ta' "Ġnien il-Pjanti Maltin" li jinkludi Ċentru għall-Viżitaturi li fih sala għall-konferenzi, kamra għall-medja, uffiċini ġodda, u laboratorju għall-ittestjar taż-żerriegħa. Sar ukoll l-immodernizzar tal-laboratorji eżistenti għad-Dijanjosi u Kontroll, illi ġew iffinanzjati taħt il-programm tal-Iżvilupp Rurali bil-proġett imsejjaħ 'L-Istudju u l-Konservazzjoni Sostenibbli ta' Varjetajiet ta' Pjanti Lokali".

Bħala kontinwazzjoni u estensjoni ta' dan il-proġett, id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol qiegħed jorganizza żjarat edukattivi bbażati fuq programmi xjentifiċi fil-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-varjetajiet lokali ta' pjanti, kif ukoll jiġi ffaċilitat l-aċċess għat-teknoloġija u l-għarfien fuq dan is-suġġett.

Mal-wasla tagħhom, l-istudenti jintlaqgħu fi "Ġnien il-Pjanti Maltin" mill-"Gran Mastru" Antoine de Paule (1623-1636) li kien il-persuna li fl-1625 xtara l-art fejn illum jinsabu l-laboratorji, is-serer, il-ġnien u l-uffiċini tad-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti. Hawnhekk jingħataw informazzjoni dwar l-użu ta' dan is-sit minn żmien il-Gran Mastri, għall-era tal-Ingliżi, sal-lum. Wara dan, l-istudenti jiġu mħeġġa sabiex jipparteċipaw fil-programm illi jkun ġie ppreparat għalihom.

Il-programmi segwiti waqt dawn iż-żjarat huma bbażati fuq l-abilità u l-etajiet tal-istudenti, inkluż programmi speċifiċi għall-istudenti bi bżonnijiet speċjali.

Il-messaġġ lil dawn l-istudenti qiegħed jitwassal permezz ta' logħob edukattiv, taħriġ, kif ukoll dimostrazzjoni tal-proċeduri li jiġu segwiti biex jiġu kkonservati l-varjetajiet lokali tal-pjanti. Matul iż-żjara,

b'mod interattiv, l-istudenti:

- **JINGĦATAW SPJEGAZZJONI DWAR L-IRWOLIJIET DIFFERENTI U S-SERVIZZI OFFRUTI MID-DIRETTORAT;**
- **JINGĦATAW INFORMAZZJONI DWAR IL-PJANTI INDIĠENI U ENDEMIĊI LI JINSABU FI "ĠNIEN IL-PJANTI MALTIN";**
- **JIEĦDU SEHEM F'SEZZJONI PRATTIKA FEJN JINGĦATAW INFORMAZZJONI DWAR KIF JISTGĦU JKABBRU PJANTI JEW ĦXEJJEX BILLI JUŻAW MATERJAL RIĊIKLAT U METODI SOSTENIBBLI.**

Din l-istedina hija estiża wkoll għal entitajiet illi jorganizzaw attivitajiet għat-tfal inkluż Kunsilli Lokali.L-istudenti jingħataw tifkira tal-okkażjoni li jkunu ppreparaw huma stess waqt is-sezzjoni prattika.

Għal iktar informazzjoni, wieħed jista' jikkuntattja lil dan id-Direttorat fuq Freephone 80072310, in-numru tat-telefown 229926535, jew permezz tal-indirizz elettroniku: plant.health@gov.mt.

*Dan l-artiklu nkiteb minn Marisa Debono, Principal Agricultural Officer fi ħdan id-Dipartiment tas-saħħa tal-Pjanti.*



# IL-PROGRAMM TAL-IŻVILUPP RURALI GĦAL MALTA 2014-2020

Kif semmejna fl-aħħar ħarġa ta' Nisġet Artna, fil-bidu tas-sena 2017 ġew, u se jiġu, mnedija numru ta' miżuri mill-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020. Hawn taħt se nagħtu ħarsa lejn it-tip t'għajnuna finanzjarja li joffru dawn il-miżuri, u x'għandu jagħmel kull min hu interessat u eliġibbli biex japplika.

## GĦAJNUNA GĦALL-INVESTIMENTI (MIŻURA 4)

Fl-aħħar ħarġa semmejna kif is-sottomiżura 4.1, li tipprovdi għajnuna finanzjarja lill-bdiewa u r-raħħala sabiex jinvestu fl-irziezet tagħhom, kienet se titnieda fil-bidu tas-sena 2017. Fil-fatt is-sejħa għall-applikazzjonijiet taħt din il-miżura fetħet fil-11 ta' Jannar 2017.

Għalhekk kull min hu interessat sabiex jibbenefika minn għajnuna li tkopri spejjeż relatati ma' investimenti fuq ir-razzett, għandu l-opportunità li jissottometti applikazzjoni kull nhar ta' Tnejn jew Ħamis il-Front Office tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), li jinsab ġewwa l-Pitkalija. Min jgħix Għawdex jista' jissottometti l-applikazzjoni tiegħu fl-uffiċċju li jinsab ir-Razzett Sperimentali tal-Gvern, ix-Xewkija.

Fix-xhur li ġejjin huwa mistenni li jiġu mnedija żewġ miżuri oħra, li huma l-Miżura 4.2 li tagħti għajnuna għal investimenti li jikkonċernaw l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni u l-iżvilupp ta' prodotti agrikoli, u l-Miżura 4.3 li tagħti għajnuna għal investimenti fl-infrastruttura marbuta mal-iżvilupp, il-modernizzazzjoni jew l-adattament tal-agrikoltura.

Is-sejħa għall-applikazzjonijiet taħt il-Miżura 4.3 fetħet fi Frar, u l-applikanti eliġibbli huma entitajiet li jagħmlu xogħol illi għandu x'jaqsam mal-kostruzzjoni jew mat-titjib fit-toroq t'aċċess għall-irziezet. Madankollu, il-bdiewa se jkunu l-benefiċjarji finali ta' din il-miżura għaliex l-allokazzjoni finanzjarja ta' għaxar miljun ewro se tintuża sabiex tiffinanzja proġetti li jikkonċernaw il-kostruzzjoni u t-titjib ta' toroq f'Malta u Għawdex illi jagħtu aċċess għall-azjendi agrikoli tal-bdiewa tagħna.

## GĦAJNUNA GĦALL-IŻVILUPP TAR-RAZZETT U TAN-NEGOZJU AGRIKOLU

Fil-bidu ta' Marzu 2017 bdew jintlaqgħu applikazzjonijiet taħt il-Miżura 6.1, li toffri għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ sabiex iniedu negozju ġdid. B'hekk din il-miżura se sservi ta' inċentiv għall-bdiewa taħt l-40 sena li jixtiequ jidħlu fis-settur u jniedu u jiżviluppaw in-negozji agrikoli tagħhom. Permezz ta' dan, is-settur se jkun jista' jibbenefika minn firxa ta' ideat ġodda u innovattivi, filwaqt illi jkun hemm tiġdid ta' settur li huwa meqjus bħala wieħed li qed 'jixjieħ'.

Din il-miżura se tagħti għajnuna sa massimu ta' 70,000 ewro għal kull negozju ġdid, li se jkunu marbutin mat-twettiq tal-miri u l-għanijiet elenkati fil-pjan ta' negozju li għandu jiġi sottomess bħala parti mill-applikazzjoni għall-għajnuna. Il-baġit totali taħt din il-miżura huwa ta' 'l fuq minn erba' miljun ewro.

## AKTAR INFORMAZZJONI

Matul is-sena 2017, huwa mistenni li jiġu mnedija l-biċċa l-kbira tal-miżuri disponibbli taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020. Għal aktar informazzjoni dwar il-miżuri msemmija hawn fuq, u l-miżuri l-oħra li joffri l-Programm, billi jikkonsulta l-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020, jew il-linji gwida rilevanti li se jiġu ppubblikati fuq is-sit tal-Awtorità ta' Ġestjoni malli jinfetħu s-sejħiet rilevanti: http://eufunds.gov.mt/

Barra minn hekk, wieħed jista' wkoll iżur jew iċempel il-Front Office fuq 2292 6148 (Malta) jew 2215 6974 (Għawdex).

*Dan l-artiklu nkiteb minn Malcolm Vassallo Senior Manager Agriculture & Rural Payments - EU Internal & External communication.*



# IL-CROSS COMPLIANCE

Il-Cross Compliance huma sett ta' regoli bażiċi li jridu jiġu osservati biex wieħed jitħallas kemm mill-pagamenti diretti, kif ukoll minn ċerti pagamenti taħt il-Programm għall-Iżvilupp Rurali. F'din il-ħarġa se nagħtu ħarsa ġenerali lejn il-cross compliance u l-obbligi li jġib miegħu.

Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-pagamenti diretti huwa li jikkumpensaw lill-bdiewa u lir-raħħala talli qed iħarsu r-responsabilitajiet tagħhom fil-qasam agrikolu, b'mod partikolari f'dak li huwa:

**IL-ĦARSIEN TAL-AMBJENT;**

**IS-SAĦĦA TAL-PJANTI U TAL-KONSUMATUR;**

**IŻ-ŻAMMA TAR-RABA F'KUNDIZZJONI TAJBA;**

**IL-PUBBLIKU ĠENERALI.**

Għaldaqstant bdiewa u raħħala li jirċievu din l-għajnuna, huma mistennija li jagħtu s-sehem tagħhom billi jħarsu l-obbligi msemmija fir-Regolamenti Ewropej tal-Cross Compliance, regolamenti li daħlu fis-seħħ f'Malta fis-sena 2005.

Dawn ir-regolamenti jikkonċernaw numru ta' oqsma differenti u jitqassmu f'dawk li jissejħu SMRs (Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni) li jirriflettu l-liġijiet li għandhom jiġu mħarsa. Flimkien ma' dawn hemm stabbiliti wkoll in-normi u l-istandards tal-'GAEC', illi tfisser kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, jew fi kliem ieħor kundizzjonijiet
ta' biedja għaqlija.

Hawn taħt se nagħtu ħarsa lejn il-varji SMRs u l-GAEC bil-għan illi nifhmu aħjar x'inhu l-iskop individwali tagħhom:

**SMR 1** — **UŻU TA' FERTILIZZANTI;** PROTEZZJONI TAL-ILMA MINN NITRATI EĊĊESSIVI APPLIKATI FIL-ĦAMRIJA

**SMR 2** — **PROTEZZJONI TAL-GĦASAFAR SELVAĠĠI**

**SMR 3** — **ĦARSIEN U PROTEZZJONI TAL-ABITAT**

**SMR 4** — **IĠJENE FIR-RAZZETT**

**SMR 5** — **UŻU TA' ORMONI FIT-TROBBIJA TAL-ANNIMALI**

## IDENTIFIKAZZJONI U REĠISTRAZZJONI TAL-ANNIMALI

**SMR 6** — **TIKKONĊERNA L-MAJJALI**

**SMR 7** — **TIKKONĊERNA L-BOVINI**

**SMR 8** — **TIKKONĊERNA L-MOGĦOŻ U N-NAGĦAĠ**

| | |
|---|---|
| SMR 9 | KONTROLL TAL-MARD TAL-ANNIMALI |
| SMR 10 | PRODOTTI GĦALL-PROTEZZJONI TAL-PJANTI |
| SMR 11 | IL-ĦARSIEN TAL-GHOĠĠIELA |
| SMR 12 | IL-ĦARSIEN TAL-MAJJALI |
| SMR 13 | IL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI |



## KUNDIZZJONIJIET AGRIKOLI U AMBJENTALI TAJBIN

Il-GAEC tapplika għal kull min jaħdem ir-raba u sservi biex il-bidwi juża sistemi ta' biedja tajba u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent:

1 - Stabbiliment ta' strixxi ta' lqugħ matul il-korsi tal-ilma.

2 - Fejn l-użu tal-ilma għat-tisqija għandu bżonn l-awtorizzazzjoni, dan għandu jkun konformi mal-proċeduri uffiċjali.

3 - Protezzjoni tal-ilma tal-pjan minn tniġġis dirett u miżuri biex jipprevjenu tniġġis indirett tal-ilma tal-pjan minn sustanzi perikolużi li jissaffew mill-ħamrija.

4 - Kopertura minima tal-ħamrija.

5 - Immaniġjar minimu tal-art illi jirrifletti l-kundizzjonijiet speċifiċi biex tillimita t-telf ta' ħamrija.

6 - Il-bdiewa għandhom l-obbligu li jużaw prattiċi għaqlin biex iżommu livell tajjeb ta' materjal organiku fir-raba saqwi. Il-limitu ta' karbonju organiku (OC) preżenti fil-ħamrija għandu jkun dak ta' 2%. Dan ma japplikax għal raba bi prodotti permanenti, serer, mergħat u raba bagħli.

7 - Żamma tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ, inkluż fejn xieraq, sisien tal-ħaxix, arbuxelli, għadajjar, gandotti, siġar f'ringiela, gruppi ta' siġar jew siġar singulari, ġnub tal-għelieqi u mtarrġin, tinkludi projbizzjoni ta' qtugħ ta' siġar jew arbuxelli matul l-istaġun tan-namra tal-għasafar u t-trobbija tagħhom filwaqt illi miżuri li jikkontrollaw speċi ta' pjanti invażivi għandhom jiġu addottati.

Jekk wieħed jixtieq aktar informazzjoni jista' jżur is-sit elettroniku tal-Aġenzija għall-PagamentiAgrikoliuRurali(ARPA)https://agriculturecms.gov.mt/en/arpa/Pages/GAECandCrossCompliance.aspx jew jikkuntattja l-Front Office fuq 2292 6148 (Malta) jew 2215 6974.

*Dan l-artiklu nkiteb minn Maria Sammut Uffiċċjal Agrikolu Anzjan fi ħdan l-Aġenzija għall-Pagamenti.*



## JIBDEW JITQASSMU 50,000 EWRO MILL-ANIMAL WELFARE FUND

Fix-xahar ta' Jannar, l-Onorevoli Roderick Galdes laqqa' fl-uffiċċju tiegħu tmien għaqdiet mhux governattivi u santwarji tal-annimali. Is-Segretarju Parlamentari ppreżenta lil dawn l-għaqdiet għotjiet finanzjarji, bit-total ilaħħaq il-50,000 ewro.

It-tmien għaqdiet li bbenefikaw minn dan il-fond huma:

**CSAF**
**AAA**
**ISLAND SANCTUARY ASSOCIATION**
**ANIMAL GUARDIANS MALTA**
**CATS AND DOGS SHELTER**
**STRAY ANIMALS SUPPORT GROUP**
**GOZO SPCA**
**NATIONAL CAT SOCIETY**

Dawn il-fondi ser ikunu qegħdin jintużaw sabiex inkomplu ngħinu lill-annimali, u sabiex dawn l-entitajiet ikunu jistgħu jwettqu proġetti ġodda. Fil-fatt, il-proġetti u l-inizjattivi magħżula jinkludu:

**PROVVISTA TA' IKEL;**
**TRASPORT TAL-ANNIMALI;**
**MEDIĊINI U TRATTAMENTI VETERINARJI OĦRA;**
**GAĠEĠ U MANUTENZJONI FIS-SANTWARJI;**
**TISWIJA TA' QTATES TAT-TRIQ.**

Is-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet tal-Annimali, Roderick Galdes, faħħar il-ħidma ta' dawn l-għaqdiet filwaqt illi saħaq li bis-saħħa ta' dan il-fond ser ikun possibbli li jittaffew ftit mill-ispejjeż li jħabbtu wiċċhom magħhom dawn l-entitajiet.

# XITWA FUQ TLETT ISJUF

Din ix-xitwa kienet mistennija ferm. Dan minħabba li s-sena li għaddiet esperjenzajna fenomenu li kien ilu ma jseħħ madwar sebgħin sena, fejn xita f'xitwa sħiħa kważi ma kellna xejn. Dan wassal għal nixfa kbira, tant illi anke xi siġar bdew imutu. Għalhekk, l-ewwel ġurnata ta' xita li kellna f'Novembru, fejn niżlu aktar minn 60 millimetru ta' xita rxiex, kienet bħal manna li waqgħet mis-sema għall-biedja u l-kampanja inġenerali.

Għalkemm illum il-ġurnata kull bidwi huwa attrezzat b'sistemi ta' tisqija moderni u effiċjenti, u għandna spejjer tal-ilma kważi f'kull rokna ta' Malta, il-biedja batiet ħafna u anke l-prodotti tal-biedja naqsu sew lejn l-aħħar tas-Sajf. Frott kważi ma kellna xejn anke minħabba l-fatt illi t-temperatura ma niżlitx kemm suppost matul ix-xitwa l-oħra.

Ix-xita matul ix-xitwa ta' din is-sena kompliet b'mod kostanti, u sa nofs Frar niżlet madwar 330 millimetru ta' xita. Dan l-ammont xorta ma jlaħħaqx mal-medja ta' 500 millimetru ta' xita li tinżel f'Malta matul sena sħiħa. Iżda peress illi x-xita kollha li niżlet għamlet bil-galbu, il-ħaxix u l-uċuħ tar-raba' faru bil-ġmiel. Il-ħaxix selvaġġ u l-qmugħ fir-raba' jidher aħdar u sfurzat. Dan x'aktarx ġej mil-fatt li fin-nuqqas ta' ħaxix li kellna s-sena l-oħra, is-sustanzi fil-ħamrija akkumulaw, ir-raba' straħ u qed iservu għall-ħaxix u l-qmugħ ta' din is-sena.

Fil-bidu ta' Frar għamlet xita biżżejjed biex ħafna raba' xxabba' u l-ilma beda jaħleb minn fuq il-blat. Uħud mill-bjar li jimtlew bl-ilma tax-xaba' mtlew ukoll, u l-wied mexa ġmielu. F'Jannar, għalkemm kellna inqas xita, kien xahar ikkaratterizzat minn kesħa xxoqq il-għadam illi serviet tajjeb ħafna għas-siġar tal-frott.

Fir-Rebbiegħa jonqosna biss ftit xita, u li kieku tagħmel ħruġ Marzu dħul April tassew tkun tiswa karru deheb fin għax ikollna xitwa u annata tajba ħafna għall-biedja Maltija.

***Dan l-artiklu nkiteb minn Philip Camilleri Uffiċjal Xjentifiku***

# GĦERF ĠENSNA

*Christopher Bonnici*

Is-Sliem f'dan wieħed mill-erba' staġuni tas-sena. Kemm hi sabiħa l-varjetà hux? Daqqa sħana, daqqa ksieħ, kultant ix-xemx, kultant ir-riħ; u xi naqra xita ma tonqosx. Din is-sena kienet isbaħ minn ta' qabilha fejn tidħol xita. Insomma, kollox bżonjuż, u kollox – jekk idum iktar minn kemm mistenni – idejjaqna u nibdew nittamaw illi l-ajru jibda jaqleb xi ftit għall-istaġun illi jkun imiss.

Issa li t-temp beda jderri xi ftit u għalhekk tibda tiżdied xi ftit is-sħana, xorta għadna nistennew xi maltempata bir-ragħad u s-sajjetti, speċjalment minħabba li t-temp ikun għadu ftit inċert. Missirijietna jgħidulna li:

**SAL-ĦĠEJJEĠ, LA TBIDDILX ĦWEJJEĠ.**

Il-festa tal-ħġejjeġ taħbat nhar l-24 ta' Ġunju, propju fil-bidu tas-sajf u hija l-festa tat-Twelid ta' San Ġwann il-Battista. Niftakru x-xitwa sħuna li kellna s-sena l-oħra... kien hawn min sejjaħ is-sajf illi għadda bħala "sajf wara żewġt'isjuf", madankollu dlonk ftakart fit-twemmin tal-ħġejjeġ minħabba li dakinhar, li s-sena l-oħra ħabat il-Ġimgħa, il-gżejjer Maltin intlaqtu minn maltempata kbira li ħalliet bosta ħsarat ukoll. Kemm kienu għaqlin hux? Mhux ta' b'xejn illi ma kinux jafdaw sakemm is-sajf ikun żgur illi beda sew.

Meta nirreferu għall-kelma "ħwejjeġ" ma jfissirx biss għall-ilbies illi nxiddu imma anke għad-drawwiet tagħna. L-istess il-kelma "ħġejjeġ". Jekk qegħdin ninnutaw, iż-żewġ kelmiet jirrimaw (jaqblu) flimkien, u għalhekk il-kelma "ħġejjeġ" tinsab hemm biex tirrima ma' "ħwejjeġ" u viċi-versa. Illum drajna li sa dakinhar, it-temp ikun qaleb sew u nkunu ilna nnaqqsu bil-mod il-mod il-volum ta' ħwejjeġ sabiex ma nħossux sħana żejda.

Ġeneralment, xi maltempata tibda b'riħ kiesaħ u xi beraq mill-bogħod illi dejjem joqrob, sakemm jibda jinstema' t-tkarwit tar-ragħad. Aktar ma jgħaddi l-ħin, tibda dieħla x-xita, għax kif jgħidulna tant tajjeb ta' qabilna:

**WARA L-BERAQ JIĠI L-MERAQ**

Bħalissa nistennew xi maltempata bil-beraq u r-ragħad ukoll minħabba li t-temp ikun għadu qed jistabbilixxi lilu nnifsu wara x-xitwa. Nismagħhom jgħidu li l-agħar żmien għall-maltempati bir-ragħad huwa bejn Settembru u Novembru, meta t-temp ikun qed jaqleb għax-xitwa, u bejn Marzu u Mejju meta jkun qed jaqleb għas-sajf. Dan minħabba li l-arja sħuna u kiesħa jiltaqgħu flimkien u jipproduċu instabbiltà, u b'hekk jinħolqu s-sajjetti.

U ladarba semmejna r-riħ, tajjeb illi niftakru li:

**RIĦ FUQ ITAJJAR L-GĦAKUR**

Il-kelma "għakur" hija kelma Semitika jiġifieri ġejja mill-Għarbi. Illum, minflokha nużaw il-kelma "umdità". Meta nirreferu għar-"Riħ Fuq" inkunu qegħdin insemmu riħ illi ovvjament jonfoħ min-naħa ta' fuq ta' Malta, ngħidu aħna t-Tramuntana u l-Majjistral; riħ illi jkun kiesaħ iktar minn dak illi jonfoħ fuqna min-naħa tal-Kontinent Afrikan. B'hekk, ir-riħ li jkun ġej minn fuq l-Ewropa jingħad illi jtajjar l-għomma, l-għakur, l-umdità li joħloq it-temp illi jiġi permezz tar-Riħ Isfel.

U biex nagħlqu:

**JEKK TĦARES LEJN IL-QAMAR U TMISS IL-FLUS, MATUL GĦOMROK DEJJEM TBUS**

Min jaf kemm hawn min jekk qed jaqra din ir-rokna meta tkun diġà niżlet ix-xemx qed iħares lejn il-qamar u jmiss il-flus bħalissa! Dan ifakkarni fil-qawl l-ieħor: bla flus la tgħannaq u lanqas tbus. F'dan il-proverbju, il-"qamar" huwa mogħti konnotazzjoni ta' risq, u għalhekk, min iħares lejh ikollu xorti tajba, għax jagħmel għomru kollu jgawdi mill-flus u r-risq tajjeb tal-imħabba, illi f'dan il-qawl donnu li xi ħaġa sentimentali tista' tinxtara minn dak li huwa finanzjarju.

Intant, għal din id-darba nieqaf hawn u filwaqt illi nsellem lilkom il-qarrejja kollha, nawguralkom minn qalbi l-isbaħ xewqat għall-Għid it-Tajjeb!


SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI